**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 32 – IT-TNEJN 14 TA' SETTEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru wieħed u tletin (31) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-25 ta' Awissu u l-14 ta' Settembru 2009.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2121/09. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fakkar lill-

Kunsilli biex jissottomettu t-talbiet tagħhom dwar inizjattivi ta' indafa fil-lokalita' tagħhom għal għajnuna finanzjarja.

2.3. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2174/09. Il-Wasteserv Malta Ltd kienet sejra żżomm konferenza bejn is-7 u d-9 ta' Ottubru fuq l-aspetti u l-prattiċita' tas-separazzjoni tal-iskart.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il- 25 ta' Awissu u l-14 ta' Settembru 2009, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru.523594 dwar ta' l-iscammel li ħa barmil minn quddiem dar fi Triq Dwardu Cachia waqt resident kien qiegħed jħott xi affarijiet fil-vettura tiegħu. Il-Kunsill qed jinvestiga dan il-kaz u sejjer jitlob ta' l-iscammel jikkumpensa dan ir-resident.

3.3 Rigward 723608 dwar talba mingħand resident biex tiġi installata 'sleeping policeman' quddiem il-garaxx ta' resident fi Triq Pietru P. Saydon. Il-Kunsill sejjer jistaqsieh jekk din tistax issir quddiemu.

3.4 Rigward 723643 dwar talba mingħand resident biex tiġi installata 'sleeping policeman' fin-nofs ta' Triq Karm Vassallo Il-Kunsill sejjer jistaqsieh jekk din tistax issir quddiemu.

3.5 Rigward 423677 talba għall-għajnuna mingħand residenta fi Triq Patri Anastasju Cucshieri fuq bouganvilla li qiegħda mdawra ma' arblu tad-dawl. Hi talbet l-għajnuna tal-Enemalta. Il-Kunsill talab biex taqta' z-zkuk li qed jesporġu fuq il-bankina.

3.6 Rigward ilment Nru. 423824 dwar klieb li qed iħammġu l-bankina ta' Triq Ġuże Galea; il-Kunsill qed jibgħat il-Gwardjani biex jieħdu l-passi li hemm bżonn.

3.7 Rigward talba Nru. 123828 biex isir 'refreshing' tal-kaxxi quddiem żewġ garaxxijiet fi Triq Stefano Erardi. Għandu jsir eżerċizzju madwar l-Iklin kollu.

3.8 Rigward talba Nru. 123841 mit-tabiba tal-berġa biex issir 'reserved parking' quddiem is-sala tal-Kunsill Lokali waqt il-ġurnata tal-attendenza. Il-Kunsill sejjer japplika l-ADT għall-permess.

3.9 Rigward ilment Nru. 024053 fuq karozza ħamra bin-numru LCE 081 bit-tyres imniżżlin fil-pjazza ta' quddiem il-Vodafone

fi Triq Dun Karm. Wara spezzjoni mil-Kunsill irriżulta li tneħħiet.

3.10 Rigward ilment Nru. 924056 dwar katusa li għandha residenta fi Triq Alfons Maria Galea li l-ilma tax-xita qed jidħol fil-ġaraxx ta' ħdejha. Il-Kunsill kellu parir tekniku li din hija xi ħaġa privata.

3.11 Rigward talba Nru. 924058 biex it-traffic lights tal-Bypass ta' Birkirkara jsiru b'mod li jaqilbu f'daqqa. Il-Kunsill kien ikkonferma li minħabba t-tul li hemm min-naħa għall-oħra, ma setgħux isiru hekk.

3.12 Rigward talba Nru. 824155 biex issir Zebra Crossing fi Triq Erin Serracino Inglott minħabba l-volum ta' traffiku li jgħaddi minn hemm. Il-Kunsill qabel li ssir, nagħmlu applikazzjoni formali mal-ADT.

3.13 Rigward ilment Nru. 724159 dwar ħmieġ tal-klieb madwar il-knisja; il-Kunsill qed jibgħat il-Gwardjani u jieħdu passi fejn hemm bżonn.

3.14 Rigward ilment Nru. 224162 minħabba li residenta ta' Triq il-Mużika qed iżżommilha l-ilma tax-xita quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.15 Rigward ilment Nru 724165 dwar kaxxa safra quddiem il-garaxx tagħha li hija żgħira wisq biex toqgħod il-karozza, il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.16 Rigward ilment Nru. 124170 dwar karozza mgħottija fi Triq Patri Marjanu Vella li qed tokkupa post ta' parkeġġ. Biex il Kunsill jieħu passi. Il-Gwardjani Lokali marru fuq il-post u sabu li din m'għandhiex liċenzja. Il-Kunsill sejjer jagħmel mezz biex titneħħa.

3.17 Rigward ilment Nru. 924241 dwar residenta minn Triq Ġuże Galea li għamel għaliha kelb kbir li ħareġ mill- għalqa ta' Triq il-Wied. Biex il-Kunsill jieħu passi. Dan il-kaz kien f'idejn il-Pulizija fejn kienu tneħħew il-klieb kollha. Il-Kunsill sejjer jerġa jagħmel kuntatt mal-Pulizija biex jerġgħu jieħdu passi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah l-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li nsterqet il-Bandiera ta' Malta mir-Roundabout ta' Triq San Mikiel bejn is-Sibt 12 ta' Settembru ul-Ħadd 13 ta' Settembru. Hu diġa talab lil-Authorized Officer mit-Tribunal Lokali ta' Birkirkara biex jara l-film tas-CCTV camera li hemm fi Triq Geronimo Abos. Talab ukoll lis-Segretarju biex jagħmel rapport formali ma' l-Għassa ta' Birkirkara.
Hu ppropona li terġa tinxtara il-Bandiera Maltija mill-ġdid; kulħadd qabel mal-proposta.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 05125/08, sit fi Triq il-Wied. Proposta biex tinbena semi-detached villa. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.3 Dwar PA 02021/08. Sit li qiegħed fi Triq Prinjol. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows, basements u swimming-pools. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 05631/08 . Petlou, Triq L-Iklin. Biex jinbidel id-disinn tat-taraġ u bini tat-tieni sular u penthouse fuqu. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.5 Dwar PA 00932/09 Dar Tana, Triq il-Klin c/w Triq Geronimo Abos. Alterazzjonijiet fl-ewwel sular, bini ta' sular ieħor u penthouse. Kien hemm rikmandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.6 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 03691/09 Twaqqif ta' Billboards. Plot Triq Dun Karm.
PA03609/09 Tibdil fl-użu minn garaxx għal studio tad-dwiefer u bejgħ ta' oġġetti relatati. 41, Fingertips By Melissa,
Triq Stefano Erardi/ Triq Censu Bugeja.

5.7 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet:
PA 05125/08. Sit fi Triq il-Wied.

## 6. IR-RAPPORT AMMINISTRATTIV 2008 – 2009.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta dan ir-rapport li kien lesta s-Segretarju.
Hu għadda fuq fuq dan ir-rapport li jinkludi sena ta' ħidma kemm dik finanzjaraja kif wkoll amministrattiva. Rapport dettaljat bl'attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena, ritratti tal-ħidma li saret; rapport tas-Sindku u s-Segretarju u fl-aħħar l-Balance Sheet tal-Awdituri.

6.2 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi domandi u wara dan ġie approvat unanimament.

## 7. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

7.1 Is-Sur Dalli beda biex irringrazza lil-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo talli ħadet ħsieb l-attivita' tas-Sibt 12 ta' Settembru fejn grupp ta' residenti marru ġurnata Kemmuna.

7.2 Hu qal ukoll li l-Ħarġa Kulturali għal Mdina kienet tant suċċess li l-Kunsilliera kollha qablu li nibdew norganizzaw aktar ħarġiet kulturali matul is-sena kollha.

7.3 Is-Sindku kien qed jipproponi sensiela ta' attivitajiet għax xahar li ġej. Dawn huma:

a. Attivita' sportiva b'forma ta' Aerobika fil-Pjazza Ninu Cremona għar-residenti kollha, kbar u żgħar; din taqa' taħt l-iskema " Attivitajiet Sportivi" li għalihom il-Kunsill kien ġab il-fondi. Data: 17 ta' Ottobru. Għal din l-okkażżjoni sejrin nistiednu lil-Onor. Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għall-Isports.
b. Fit-18 ta' Ottubru l-Kunsill Lokali sejjer jipparteċipa fl-attivita' li qiegħda torganizza l-Parroċċa tal-Iklin bit-tema "Fiera ta' solidarjeta". F'din l-attivita' l-Kunsill sejjer itella' esibizzjoni ta' ritratti fuq l-ambjent madwar l-Iklin. Posters, jagħmel "Puppet Show" għat-tfal bit-tema dwar l-ambjent u kompettizjoni bit-tpinġija dwar l-ambjent għat-tfal ukoll.
Għal din l-attivita' l-Kunsill sejjer jistieden lil-Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Dialogu Pubbliku.
c. Sejrin norganizzaw ħarġa kulturali matul ix-xahar ta' Ottubru fejn immoru naraw Villa Francica f'Hal Lija ul-Palazz tal-President,Verdala.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi irrefera għal-Laqgħa Plenarja li saret is-Sibt 5 ta' Settembru fil-Lukanda Dolmen f'Bugibba. Hu qal li din il-laqgħa kienet ineressanti ħafna u informattiva.

Għal din il-laqgħa attendaw ukoll il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillier Margaret Zammit.

8.2 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-6.45 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar t-Tnejn 28 ta' Settembru 2009 fil-5.30 pm.

Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-Tnejn 28 ta' Settembru 2009 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |